Dispożittiv

1) L-appell huwa miċħud.

2) Mediaset SpA hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u minn Sky Italia Srl.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-28 ta' Lulju 2011 — Il-Kummissjoni vs L-Awstrija

(Kawża C-548/10)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2007/2/KE — Politika tal-ambjent — Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) — Skambju u aġġornament ta' data f'format elettroniku — Traspożizzjoni inkompleta"

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 10)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Nuqqas li jadotta jew jikkomunika, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire) (ĠU L 108, p. 1).

Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-14 ta' Marzu 2007, li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (Inspire), ir-Repubblika tal-Awstrija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika tal-Awstrija hija kkundannata għall-ispejjeż.